MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD,
L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI
Dipartiment tal-Affarijiet Rurali
Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti
110, Triq Annibale Preca, Lija LJA 1915 - Malta

# Linji Gwidi ta’ Prevenzjoni mit-tixrid tat-Tomato Brown Rugose Fruit Virus

It-*Tomato Brown Rugose Fruit Virus* (ToBRFV), huwa tip ta' virus li jaffettwa il-pjanti tat-tadam u l-bżar. Dan il-virus jista' jinstab fiż-żrieragħ, xtieli, pjanti u kif ukoll fil-frott tat-tadam u bżar, u jinfirex faċilment f'każ ta' kuntatt ta' pjanti jew għodda ma' pjanti infettati. Sa issa, m’hemm l-ebda kontroll kimiku jew bijoloġiku li jista’ jintuża kontra l-virus f’każ ta’ pjanti pożittivi. Għaldaqstant l-iġene hija kritika għall-kontroll ta’ dan il-virus. Għall-aktar informazzjoni, teknika irreferi fuq is-sit: https://gd.eppo.int/taxon/TOBRFV/datasheet.

Bħala waħda mill-azzjonijiet meħudin mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti sabiex tiġi kkontrollata il-firxa tat-ToBRFV, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1191 u l-emenda Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/74, qed jinħarġu dawn il-linji gwida għall-bdiewa u operaturi professjonali li jkabbru l-pjanti tal-bżar u t-tadam.

## Linji Gwidi Ġenerali:

1. Iffamiljarizza ruħek mas-sintomi u metodi ta’ trasmissjoni tat-ToBRFV.
2. Ispezjona regolarment il-pjanti u l-frott għas-sintomi. (Irreferi għall-istampi mehmuża fl-aħħar ta’ dawn il-lingi gwidi)
3. F'każ ta' suspett ta' infezzjoni, ikkuntattja id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti fuq:

   Imejl: plantquarantine@gov.mt

   Telefown: 22926509 / 33 / 44 / 57 / 58 / 60

   Ħinijiet tax-Xitwa: Tnejn sa Ġimgħa: 7:00 – 16:00
   Ħinijiet tas-Sajf: Tnejn sa Ġimgħa: 7:30 – 13:00

4. Sadattant, żomm il-pjanti simptomatiċi iżolati u implimenta miżuri ta' iġene biex tevita kontaminazzjoni tal-bqija tal-prodott.
5. Żomm rekord tal-materjal mixtri, fatturi, passaporti u dokumenti oħra relatati.

6. Implimenta protokolli ta' iġene, fosthom banjijiet jew twapet bid-diżinfettant għaż-żraben fl-entraturi tas-serer, inkella uża *overshoes*. Huwa rakkomandat li disinfezzjoni issir bi prodotti li fihom *sodium hypochlorite* (bleach) jew *potassium peroxymonosulfate* bħala ingredjenti attivi.
7. Illimita l-aċċess u n-numri ta' persuni u ħaddiema li jidħlu fis-serer.
8. Evita li żżur serer u għelieqi diversi mingħajr ma ssegwi l-protokolli ta' iġene bejn kull sit tiegħek.
9. Evita li żżur għelieqi u serer ta' nies oħra, speċjalment meta tkun qed tahdem fis-siti tiegħek.
10. Evita li jkollok miegħek arloġġi u aċċessorji oħra li jkun meħtieġ li jiġu mnaddfa ukoll.
11. Ħu ħsieb li l-ħwejjeg ikunu nodfa jew ilbes *overalls* li jkunu jistgħu jintremew wara kull l-użu.
12. Evita' li tuża l-istess għodda f'serer jew ghelieqi differenti u dejjem iddiżinfetta wara kull użu. Jekk għandek iktar min serra/għalqa waħda, segwi il-protokolli ta' iġene bejn serra u oħra.
13. Iddaħħalx pjanti ospitanti (f'dan il-każ tadam u bżar) tal-virus, kif ukoll pjanti oħra li potenzjalment jistgħu iġorru l-virus.
14. Neħħi ħaxix ħażin u pjanti oħra mill-madwar li kapaċi ikunu ta' riserva għal dan il-virus.
15. Aċċess għall-annimali domestiċi bħal klieb għandu jkun projbit. Il-preżenża ta' speċi oħra ta' annimali bħall-ġrieden, għasafar jew naħal għandu jkun ikkontrollat, sabiex jigi evitat kemm jista jkun it-tifrix ta' dan il-virus bejn sit u ieħor.
16. Aħsel u ddiżinfetta is-serra u kull għodda użata wara it-tneħħija tal-pjanti. Il-ħasil tat-*trays* tal-plastik f'ilma sħun b'temperatura ta' 90°C għal ħames minuti għandu jelimina il-virus.
17. Aħsel idejk regolari, u jekk possibli ghamel użu min ingwanti li jkunu jistgħu jinbidlu b'mod regolari.

F'każ ta' riżultat pożittiv għat-ToBRFV fis-sit tiegħek, dawn il-miżuri addizzjonali jridu jiġu implimentati flimkien mal-linji gwidi ġenerali:

1. Il-lottijiet li jinsabu jġorru il-virus, jiġu distrutti permezz ta' ħruq fuq is-sit. Dan iwassal għall-eradikazzjoni tal-pest skont ir-Regolazzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummisjoni (UE) 2020/1191 u l-emenda Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/74. Dan isir fil-preżenza ta' uffiċjali mid-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Pjanti. F'każ ta' nuqqas ta' spazju għall-ħruq, post alternattiv irid jiġi stabilit flimkien mad-Direttorat, u protokolli stretti ta' iġene jigu implimentati fit-trasport tal-materjal infettat.
2. Jekk fl-istess serra jinżammu pjanti oħra ospitanti tat-ToBRFV (bżar jew tadam), dawn jiġu distrutti ukoll. Fil-każ ta' pjanti maturi, dawn għandhom jinqalgħu u jinżammu iżolati sakemm jinxfu u jkunu jistgħu jinħarqu.
3. Pjanti li ma jurux sintomi, ma jistgħux jitqiesu negattivi. Is-sintomi jistgħu jieħdu diversi ġranet sabiex jiżviluppaw jew saħansitra jibqgħu ma' jiżviluppawx.
4. Qtugħ u bejgħ ta' frott minn serra bi pjanti pożittivi huwa projbit.
5. Għandha ssir diżinfezzjoni tas-serra kollha kif ukoll l-għodda b'deterġent adattat u jiġu mħarsa il-linji gwidi għall-iġene.
6. Huwa rakkomandat li ma jitħawlux xtieli ta' tadam jew bżar fl-istess post għall-perjodu minimu ta' sena.
7. Skont il-materjal tat-*trays* tax-xtieli, dawn għandhom jiġu diżinfettati jew maħruqa.

Fil-każ ta' riżultati pożittivi għat-ToBRFV fuq pjanti tat-tadam, produċuti biss għal fini ta' pproċċessar tat-tadam, il-linji gwida t'hawn taħt, apparti l-linji gwidi ġenerali, japplikaw:

1. F'każ ta' riżultati pożittivi, il-frott ta' pjanti infettati jista' xorta waħda jinqata' u jittieħed għall-ipproċċessar.
2. Kull makkinarju u għodda użata għat-tkabbir,ħsad u transport tat-tadam għas-sit tal-ipproċċessar għandu jiġi disinfettat sew wara l-użu.
3. Il-frott kollu mill-lott infettat irid jittieħed għall-ipproċċessar u ma jistax jiddaħħal il-Pitkalija jew jinbiegħ b'ebda mod ieħor.
4. Il-faxxina trid tiġi distrutta fuq il-post permezz ta' ħruq.

5. F'każ li jinstab il-virus f'għalqa, huwa importanti li ma jitħawwlux pjanti li jistgħu iġorru it-ToBRFV, fl-istess għalqa, b'mod speċjali dawk il-pjanti li ġejjin mill-istess familja tat-tadam.



Tbajja nekrotiċi



Sintomi fuq il-frott tat-tadam u dewmien fil-maturazzjoni tal-frott



Sintomi fuq il-bżar



Sintomi fuq il-weraq tat-tadam